# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-30 TA' MARZU, 2023**

**Kawza Numru: 9**

**Rik. Nru. 249/2022 RGM**

**Cassar Fuel Limited (C28453)**

**vs**

**Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi**

**Il-Qorti**

**Daħla.**

1. B'rikors ippreżentat fit-18 ta' Marzu 2022, is-soċjetà attriċi fissret kif hija ġiet notifikata b'ittra uffiċjali nru 463/2022 mill-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, li minn dak li jidher mir-rikors promotur, f'dik l-ittra saret "talba u sejħa interposta u interpellanza ghall-multa fin-nuqqas". Tippremetti li ai termini tal-

Artikolu 466 (2) tal-Kapitolu 12 hija qiegħda tikkontesta t-talba tal-Awtorità konvenuta u dan għaliex it-talba hija waħda nfondata fil-fatt u fid-dritt. Kompla jiġi premess li

> "jirrizulta ampjament illi hija qatt ma kienet importatur ghal-ebda fuel u ai termini tal-istess ligi ghandu jkun l-istess importatur li minghandu s-socjeta mittenti akkwistat il-fuel, l-entita li se mai ghandha u jispetta li taghti rendikont tal-importazzjoni mitluba. Illi dan il-fuel huwa akkwistat minghand Enemed plc tratatt u skond l-istandards opportuni prefissi mir-REWS mghoddi minn punt Doganali min-naha tal-istess importatur Enemed plc u hu huwa prodott ghal-konsum tal-vetturi (automotive) li jinxtara minghand Enemed plc."

Is-soċjetà attriċi tkompli billi tgħid li hija distributur u mhux impurtatur tal-fuel u għalhekk l-obbligu premess mill-Awtorità ai termini tal-Regolament dwar Emissjonijiet tal-Gass b'Effett Serra Tul iċ-Ċiklu tal-Ħajja mill-Karbutanti (L.S. 423.48) ma jaqax fuq is-soċjetà attriċi iżda fuq l-entita li tforrni lilha. Għaldaqstant is-soċjetà attriċi qiegħda titlob hekk:

> "1. Illi din l-Onorabbli Qorti wara li tikkunsidra l-artikli kollha tal-ligi u r-regolamenti u l-fatti illi s-socjeta rikorrenti ma tghaddix minn punt doganali u ghaldaqstant m'ghandhiex obbligazzjonijiet premessi mill-Awtorità ai termini tar-Regolamenti dwar Emmissjonijiet tal-Gas b'effett Serra tul ic-ciklu tal-hajja mill-Karburanti S.L.S. 423.48.
>
> 2. Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha konsegwentement tordna u tiddeciedi illi l-Awtorità intimata u / jew r-Regolatur (REWS) ma jistawx jitolbu l-hlas u kwindi ma jistghux jimponu ebda multa arbitrarja u ngusta u jsegwi li s-socjeta rikorrenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-iskrutinju

ingustifikat u l-Awtorità intimata ma ghandha ebda jedd u dritt titlob multi u esekuzzjoni ta' ebda ammont jew kreditu jew obligazzjoni premess fl-ittra ufficjali 463/22 u li tali pretenzjonijiet ma jirrisultawx fil-konfront tas-socjeta rikorrenti.

Salv kull decizjoni u provvediment opportun."

2. L-Awtorità konvenuta ppreżentat ir-risposta tagħha fit-3 ta' Mejju 2022 fejn is-sollevat diversi eċċezzjonijiet iżda għal fini ta' din is-sentenza, il-Qorti sejra tillimita għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari u dan peress li din is-sentenza hija limitatament dwar dawk iż-żewġ eċċezzjonijiet:

"1) Illi preliminarjament is-soċjetà rikorrenti addotat proċedura żbaljata meta intavolat rikors quddiem din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Artikolu 466 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi l-ittra uffiċjali 463/22 ġiet maħruġa mill-Awtorità ta' Malta dwar ir-Rizorsi ai termini tal-Artikolu 4 (4) u l-artikoli 31, 31A u 31B tal-Kapitolu 423 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux taħt il-proċedura stabbilita taħt l-artikolu 466 2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti m'hijiex l-forum kompetenti biex tisma', taqta u tiddeċiedi din it-tip ta' kawża u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti fil-fehma umli tal-esponenti għandha tiddikjara ruħha inkompetenti biex tieħu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrenti.

2) Illi preliminarjament ukoll, il-forum kompetentni għal din it-tip ta' kawża huwa it-Tribunal dwar ir-Reviżjoni Amministrattiva u li għaldaqstant r-rikorrenti kellu jintavola appell quddiem it-Tribunal dwar ir-Reviżjoni Amministrattiv a tenur tal-artikolu 34 u tal-artikolu u, jew l-artikolu 31 (6) tal-Kap. 423 tal-Liġijiet ta' Malta biex jikkontesta l-ittra uffiċjali 463/22."

3. Il-partijiet ma kellhom ebda prova xi jressqu fuq dawn l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet.

4. Il-Qorti tat termini lill-partijiet sabiex jippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet. Filwaqt li fis-17 t'Ottubru 2022 l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi ippreżentat in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, s-soċjetà attriċi min-naħa tagħha naqset milli tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet.

5. Ir-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza fuq l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari.

Ikkunsidrat

**Fatti**

6. Fit-3 ta' Frar 2022 l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi ippreżentat ittra uffiċċjali mibgħuta lis-soċjetà Cassar Fuel Ltd li ġiet notifikata fit-2 ta' Marzu 2022. Mill-Ittra Uffiċjali bin-numru 463/2022 – li għalkemm l-ebda parti f'din il-kawża ma esebixxa dan l-att fl-atti ta' dawn il-proċeduri (nonostante li l-azzjoni tistrieħ kompletament fuq dan l-att), il-Qorti ħadet konjizzjoni tagħha mill-atti fir-reġistru tal-qorti.

7. Jirriżulta li permezz tal-imsemmija ittra uffiċjali l-Awtorità interpellat lis-soċjetà attriċi sabiex ai termini tal-Artikolu 4(4) tal-Kapitolu 423 u r-Regolament 3 (2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 423.48 tipprovdi informazzjoni u/jew data responsabbli dwar l-intensita tal-gassijiet serra tal-fjuwil u l-enerġija mqiegħda minnha fis-suq matul is-sena 2020. Fl-istess ittra l-Awtorita' wissiet lis-soċjeta' attriċi illi fin-nuqqas li tottempera ruħha ma' dawk il-provvedimenti u mad-deċiżjoni tal-Awtorità tas-16 ta' Novembru 2021 fi żmien

għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali, l-Awtorità kienet qed timponi multa amministrativa ai termini tal-Artikolu 4 (4) u l-Artikolu 31, 31A u 31B tal-Kapitolu 423 u r-Regolament 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 423.48 fl-ammont ta’ €20,000.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

8. Taħt l-**Artikolu 4 (4) tal-Att dwar l-Awtorità ta’ Malta dwar ir-Rizorsi (Kapitolu 423), l**-Awtorità konvenuta,

> “tista’ teħtieġ lil kull provditur awtorizzat biex jipprovdilha kull informazzjoni, inkluża informazzjoni finanzjarja, li l-Awtorità tqis bħala neċessarja b’għan li tiżgura konformità mad-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att, ta’ regolamenti magħmula taħt l-Att u deċiżjonijiet jew direttivi magħmulin skont dan l-Att, regolamenti magħmula taħt l-Att jew ta’ kull liġi oħra li l-Awtorità jkollha jedd tenforza. Kull persuna li tonqos jew tirrifjuta li tagħti din l-informazzjoni tkun qegħda tikser dan l-Att u tista’ teħel multa amministrattiva skont ma jiġi preskritt mill-Awtorità.

9. Is-setgħa li timponi penali amministrattiva hija regolata bl-**Artikolu 31 tal-Kapitolu 423** li jipprovdi li l-Awtorità,

> “[...] tista’ timponi penali amministrattiva fuq persuna li tikkommetti ksur ta’ xi disposizzjoni ta’ dan l-Att, ta’ regolamenti magħmulin taħt l-Att jew ta’ kull liġi oħra li l-Awtorità jkollha jedd tinforza, jew li tonqos milli tikkonforma ruħha ma’ xi direttiva jew deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità kemm jekk taħt dan l-Att, kemm b’regolamenti magħmulin taħt l-Att jew taħt kull liġi oħra li l-Awtorità jkollha jedd tinforza, jew li tonqos milli tosserva l-kondizzjoni ta’ xi awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Att.

10. L-Awtorità tinsisti kemm fir-risposta tagħha għar-rikors promotur kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, li s-soċjetà attriċi hija fornitur ai termini tar-Regolament 423.48 billi hija entita responsabbli biex tgħaddi karburanti jew enerġija minn post ta' dazju tas-sisa jew, u meta ma jkun hemm ebda sisa dovuta, hija entita rilevanti maħtura mill-Awtorità għal dak il-għan.

11. L-Awtorita' spjegat illi peress li s-soċjeta' attriċi naqset milli tibgħatilha l-informazzjoni mitluba hija segwit il-proċedura stipulata fl-**Artikolu 31A tal-Kapitolu 423** li jipprovdi illi qabel l-Awtorità timponi penali amministrattiva fuq persuna li tisker jew tonqos milli tosserva xi dispożizzjoni tal-Att[1] jew xi regolamenti magħmul taħt dak l-Att[2], għandha qabel xejn tinterpella uffiċjalement permezz ta' ittra uffiċjali lill-persuna konċernata:

> "(i) tagħti avviż lil dik il-persuna tal-penali amministrattiva li tista' tiġi imposta mill-Awtorità;
>
> (ii) tagħti avviż tar-raġuni speċifika għaliex tkun qegħda tiġi imposta dik il-penali;
>
> (iii) tagħti avviż dwar l-ammont tal-penali;
>
> (iv) titlob lil dik il-persuna biex issewwi l-atti jew l-ommissjonijiet li jkunu saru minn dik il-persuna u, jew li tressaq is-sottomissjonijiet tagħha lill-Awtorità fi żmien speċifikat:
>
> Iżda dak iż-żmien ma' jistax ikun ta' aktar minn għoxrin ġurnata u mhux anqas minn ħamest ijiem mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali:
>
> Iżda wkoll il-persuna, li kontriha tista' tiġi imposta penali amministrattiva, għandha tingħata opportunità raġonevoli matul dak il-perjodu ta' żmien li jista' jkun stipulat fl-ittra uffiċjali biex tagħmel is-

[1] Artikolu 31A (1) (a) tal-Kapitolu 423.
[2] Artikolu 31A (1) (b) tal-Kapitolu 423.

sottomissjonijiet tagħha lill-Awtorità u biex tipproponi kull rimedju li jsewwi l-attijiet jew l-ommissjonijiet hekk kif ikunu meħtieġa mill-Awtorità li jiġu hekk imsewwija."

12. L-ittra uffiċċjali mibgħuta mll-Awtorità konvenuta fit-3 ta' Frar 2022 u notifikata lis-soċjetà attriċi fit-2 ta' Marzu 2022 tiċċita diversi artikoli tal-Kaptiolu 423 kif ġia spjegat iżda wieħed minn dawn l-artikoli hemm ċitat huwa proprju l-Artikolu 31A (1).

13. **Artikolu 31A (6)** jagħti l-jedd lill-persuna li kontriha tkun inħarġet l-ittra uffiċjali li tintavola **appell quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva:**

"(6) L-ittra uffiċjali msemmija fis-subartikolu (1), meta jiskadi t-terminu li fih jista' jsir appell minnha, u meta ssir notifika ta'kopja tagħha permezz ta' att ġudizzjarju lill-persuna li weħlet il-penali amministrattiva, għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-effetti u l-għanijiet kollha tal-artikolu 253(a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

Iżda jekk il-persuna li kontriha tkun inħarġet l-ittra uffiċjali, tagħmel appell quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva, u flimkien mal-appell jew qabel ma tagħmel l-appell tkun talbet li t-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva jissospendi l-effetti tal-ittra uffiċjali, għaldaqstant l-Awtorità għandha tieqaf milli toħroġ att ġudizzjarju kif imsemmi f'dan is-subartikolu sakemm tkun ġiet deċiża, miċħuda jew mod ieħor ittrattata t-talba għal sospensjoni:

Iżda wkoll it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva għandu jiddeċiedi kull talba għas-sospensjoni msemmija f'dan is-subartikolu mill-aktar fis. Qabel ma tiġi deċiża talba bħal dik, it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva għandu jagħti lill-Awtorità opportunità raġonevoli biex

twieġeb u tressaq is-sottomissjonijiet tagħha, fi żmien mhux anqas minn tliet ijiem tax-xogħol."

14. L-Awtorita' ippreżentat ittra uffiċjali kontra s-soċjeta' attriċi fejn intalbet tati informazzjoni u ġiet informata bl-intenzjoni tal-Awtorità li tgħaddi sabiex timponi penali amministrattivi jekk tali informazzjoni ma tingħatax fit-terminu mogħti. Mill-istess ittra uffiċjali jirriżulta li kienet ingħatat deċiżjoni fis-16 ta' Novembru 2021 fejn fiha ġie deċiż li s-soċjetà rikorrenti għandha tipprovdi l-informazzjoni jew data responsabbli dwar l-intensita tal-gassijiet serra tal-fjuwil u l-enerġija mqiegħda minnha fis-suq matul is-sena 2020 u dan peress li f'għajnejn l-Awtorità konvenuta, is-soċjetà attriċi hija fornitur ai termini tar-regolamenti billi hija entita responsabbli biex tgħaddi kaburanti jew enerġija minn post ta' dazju tas-sisa jew, u meta ma jkun hemm ebda sisa dovuta, hija entita rilevanti maħtura mill-Awtorità ghal dan il-għan.

15. Ai termini tal-**Artikolu 34 (2),** appelli quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva jistgħu isiru meta jkun sar żball materjali dwar fatti, fil-proċedura u fil-liġi kif ukoll meta kien hemm xi illegalità materjali, inkluża l-irraġonevolezza jew nuqqas ta' proporzjonalità.

16. Il-kompetenza ta' Qorti jew Tribunal tiġi determinata skont il-premessi u t-talbiet li jsegwu. F'dan is-sens il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tal-24 ta' Mejju 2016 fl-ismijiet **L-E.T. Giovanni Umberto De Vito noe vs Alfred Dimech** (Rik Ġur 749/2015) fejn ingħad li:

"Huwa pacifikament accertat illi l-kompetenza tal-Qorti hi determinata fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni tal-eccezzjoni moghtija mit-termini tal-azzjoni attrici. Hu l-att promotur, kif intavolati t-talbiet u l-premessi taghhom, li jiffurmaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha tezercita l-

gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha. (Frankie Refalo nomine vs Jason Azzopardi et (Appell – 7 ta` Ottubru 1997).” [3]

17. Mill-qari tal-premessi imressqa fir-rikors promotur, jidher ċar illi l-kontestazzjoni prinċipali tal-istess soċjetà attriċi hi proprja allegazzjoni ta’ żball materjali ta’ fatti da parti tal-Awtorita’ fis-sens illi hija qiegħda tikkontendi li hija distributur u mhux impurtatur tal-fuel u għalhekk l-obbligu li dwar qed tinsiti l-Awtorità ai termini tal-Regolament dwar Emissjonijiet tal-Gass b’Effett Serra Tul iċ-Ċiklu tal-Ħajja mill-Karbutanti (L.S. 423.48) ma jaqax fuq is-soċjetà attriċi iżda fuq l-entita li tforrni lilha.

18. Fil-fehma tal-Qorti Artikolu 31A(6) tal-Kap.423 tal-liġijiet ta’ Malta ma jħalli l-ebda dubju illi t-talbiet tas-soċjeta’ attriċi in kontestazzjoni tad-deċiżżjoni tal-Awtorita’ ta’ Malta dwar ir-Riżorsi kellhom jitresqu fil-forma ta’ appell quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva.

19. Għalhekk l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-Awtorita’ intimata jirriżultaw fondati u qed jiġu milquwgħa.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta’ u tiddeċiedi l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-Awtorita’ konvenuta:

1. **Tilqa’** l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-Awtorità ta’ Malta dwar ir-Riżorsi;

[3] Ara **Joseph Bugeja et vs Alfred Camilleri** (App Ċiv 1379/2000), deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fis-6 ta Ottubru 2004.

2. **Tiddikjara** illi r-rikors promotur, in kwantu qed jikkontesta t-talba tal-Awtorita' ta' Malta dwar ir-Riżorsi notifikata lis-soċjeta' attriċi permezz ta' ittra uffiċjali fit-termini tal-Artikolu 31A tal-Att dwar l-Awtorita' ta' Malta dwar ir-Riżorsi (Kapitolu 423 tal-Liġijiet ta' Malta), ġie intavolat quddiem forum li m'għandux kompetenza *rationae materiae* jisma' appelli minn deċiżżjonijiet meħuda mill-Awtorita' konvenuta bis-saħħa 31A tal-Kap. 423 peress li l-forum kompetenti *rationae materia* huwa t-Tribunal tar-Reviżżjoni Amministrattiva skond l-istess artikolu.

3. **Għaldaqstant** bis-saħħa tal-Artikolu 741 (b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tordna li l-atti tal-kawża odjerna jiġu trasferiti lit-Tribunal tar-Reviżżjoni Amministrattiva.

Spejjeż riżervati għas-sentenza fil-mertu.

Moqrija.

**Robert G. Mangion**
**Imħallef**
30 ta' Marzu 2023

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**